# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2394

**Kaz Nru. 3132/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Dione Tedesco**
**u**
**F.Cordina & Sons Limited.**
**(dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Dione Tedesco, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fit-12 ta' Gunju, 2013. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit minn Dr. Abigail Critien u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Ronald Cordina li kien assistit mill-P.L. Quentin Tanti.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat mas-Socjeta fuq bazi full-time bhala labourer u spicca mill-impieg fit-12 ta' April 2013, meta l-impieg tieghu gie tterminat fuq ragunijiet ta' sensja. Ir-rikorrenti jkompli jghid fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li minkejja li gie tterminat l-impieg tieghu fuq ragunijiet ta' sensja, izda din ma kienitx ir-raguni vera tant li s-Socjeta irrimpjazzat lill-esponenti b'labourer iehor u prova ta' dan huwa riklam li sar ghan-nom tas-Socjeta biex timla l-post ta' labourer li kien vakant minnhu.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li ma jezistux ragunijiet tajba u bizzejjed skond il-ligi li setghu jwasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu u t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret bi ksur tal-ligi.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li kienet qed tiddikjara li Dione Tedesco kien impjegat mas-Socjeta u dam fl'impieg sa 12 ta' April 2013, meta gie tterminat l-impieg tieghu minhabba li kien ilu jirraporta ghax-xoghol fi stat alterat ta' stordiment li bl-Ingliz jista forsi jigi deskrit bhala "hazy" u cioe mhux bl-attenzjoni u alertness mehtiega fix-xoghol tieghu. Is-Socjeta tghid ukoll, li peress li tali xoghol jirrikjedi caqlieq u ppustjar ta' kwantita ta' hadied industrijali u bcejjec ohra ta' materjal fejn mument ta' dizattenzjoni tistgha ssarraf fi tragedja.**

**Is-Socjeta tkompli tghid fl'Istqarrija tal-Kaz taghha, li wara sensiela ta' warnings verbali sabiex ir-rikorrenti ma jibqax imur ghax-xoghol f'dak l-istat u sabiex joqghod attent ferm fuq il-lant tax-xoghol, liema warnings jidher li r-rikorrenti njora u llum qieghed jigi mifhum illi ghamel hekk minhabba l' vizzju li kellu u/jew ghad ghandu, dan wassal biex Ronald Cordina bhala Direttur tas-socjeta intimata hass, li ma setghax jibqa jissogra hajjiet impjegati ohra, hajjiet il-klijenti u hajtu stess u tah in-notice tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu. Is-Socjeta tghid ukoll, li dan sar bi qbil ma l-istess rikorrenti u giet moghtija ir-raguni ta' sensja sabiex ma tagravax is-sitwazzjoni tar-rikorrenti meta jmur isib xoghol iehor. Is-Socjeta tghid ukoll, li tkeccija ghal ragunijiet illi sejrin jigu spjegati aktar il-quddiem matul is-smigh tal-kaz, kienu zgur jitfghu dell ikrah u tqil fuq ir-rikorrenti u ma jiffacilitawlux is-sejba ta' impjieg iehor.**

**Is-Socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li minflok li r-rikorrenti irringrazzja kif imissu ghamel, ghax wara kollox dan kien bi qbil mieghu, deherlu li kellu jiftah kaz ghat-tkeccija ngusta.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti kien impjegat mas-socjeta fil-grad ta' labourer u parti sostanzjali fil-qaghdi ta' dmirijietu kien jikkonsisti f'gar u ppustjar ta' materjal ta' hadied u oggetti ohra ta' natura pezanti. Mill-**

**provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu sehhet f'April 2013 u gie ddikjarat fuq il-formola tal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig, li ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet dik ta' sensja. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti fuq ragunijiet ta' sensja, l-istess socjeta ghamlet avviz sabiex timpjega haddiem iehor fil-grad li kien jokkupa l-istess rikorrenti. Mill-provi jirrizulta wkoll, li dan l-avviz li kien gie ghall-attenzjoni tar-rikorrenti instigah biex jibda proceduri fil-konfront tas-Socjeta u dan biex jigi determinat li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma kienitx saret ghal raguni gusta kif ukoll saret bi ksur tal-ligi.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li s-sid xehed li l-vera raguni li kien ittermina l-impieg tar-rikorrenti kienet mhux ghal ragunijiet ta' sensja, izda kienu aktar ghal ragunijiet dixxiplinarji u dan ghaliex ir-rikorrenti ma kienx imur fi stat mentali li kien tajjeb ghax-xoghol fis-sens, li kien ikun aljenat, mhux alert, dizorjentat u mhux attent waqt il-qaghdi ta' dmirijietu bil-konsegwenza, li meta tikkunsidra li ix-xoghol tieghu kien jistgha jigi deskritt ta' "heavy duty", kien qed ikun ta' periklu mhux biss ghal l-istess rikorrenti, izda wkoll ghal dawk kollha li kienu jahdmu madwaru.**

**Waqt is-smigh tal-provi, t-Tribunal Industrijali semgha wkoll lis-sid jixhed fejn jghid, li kemm il-darba mhux biss gibed l-attenzjoni tar-rikorrenti, izda wkoll wissieh verbalment diversi drabi sabiex jigi ghax-**

**xoghol fi stat normali. Fix-xhieda li dehret quddiem it-Tribuanl Industrijali is-Socjeta tghid, li kien hemm susspett li ir-rikorrenti kien qed ikun taht influenza ta' xi sustanza pprojbieta u dan setgha kien ghar-raguni li madwar ghaxar snin qabel, ir-rikorrenti kien instab hati mill-Qorti li kellu fil-pussess tieghu u kien jiehu sustanza pprojbieta.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali s-socjeta tghid ukoll, li tterminat l-impieg tar-rikorrenti mhux ghal ragunijiet ta' sensja, izda ghal ragunijiet dixxiplinarji u giet dikjarata r-raguni ta' sensja bi qbil mar-rikorrenti sabiex ma jkunx difficli ghalih li jsib impieg iehor.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jinghand ghan-naha tar-rikorrenti, li hu qatt ma ta' il-kunsens tieghu biex it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ssir fuq ragunijiet ta' sensja u din id-decizjoni kienet ittiehdet mis-sid. Fix-xiehda tieghu ir-rikorrenti jghid ukoll, li hu dejjem mar fi stat mentali tajjeb ghax-xoghol u dejjem qeghda dmiru ghas-sodisfazzjon ta' l-imghallmin tieghu. Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li qatt ma gie mwissi la bil-miktub u lanqas verbalment dawr xi nuqqassijiet li huwa setgha kellu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali r-rikorrenti jghid, li gie mkecci mill-impieg ghar-raguni li beda jissupetta li l-paga tieghu ma kienitx qed**

**tinhadem kif suppost mis-sid u kien qed jircievi hlasijiet anqas minn dawk li kienu dovuti lilhu.**

**Ir-rikorrenti fix-xhieda tieghu jghid, li dawn l-ilmenti li kien qed jghamel lis-sid wasslu biex l-istess sid ittermina l-impieg tieghu u biex ghamel dan gab l-iskuza li kien naqas ix-xoghol u ma kellux bzonn aktar is-servizzi tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan l-kaz u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa r-raguni li giet moghtija lill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig li hi dik, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet dik ta' sensja. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li nvista li l-istess socjeta stqarret li l-vera raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg ma kienitx dik ta' sensja, izda ghal ragunijiet dixxiplinarji, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni li kif stqarret l-istess socjeta it-terminazzjoni ta' l-impieg ma kienitx ta' sensja izda kienet ghal ragunijiet dixxiplinarji.**

**Invista ta' din l-istqarrija tas-Socjeta, li ir-ragunijiet tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienu dawk dixxiplinarji, dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra ir-ragunijiet li gew moghtja mis-socjeta waqt il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, jigifieri li ir-rikorrenti ma kienx qed**

**jghaqdi dmiru sew fuq il-post tax-xoghol u fl'istat li kien qed imur ghax-xoghol kien qed ikun ta' periklu ghalih u ghan-nies ta' madwaru.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, dak li kien qed jghid ir-rikorrenti, li l-vera raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet peress, li kien qed jilmenta mas-sid li ma kienx qed jigi mhallas dak kollu li kien dovut lilhu.**

**Bhalma wiehed jista jifhem, biex it-Tribunal Industrijali jasal ghal Decizjoni jkollu jezamina u jistrieh fuq provi li jittressqu quddiemu u ghaldaqstant, peress li dan hu kaz ta' Dixxiplina dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jezamina l-process ta' dixxiplina li addottat is-socjeta fil-konfront tar-rikorrenti.**

**Ghaldaqstant, f'dawn il-kunsiderazzjonijiet meta dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jezamina l-provi dwar il-process ta' Dixxiplina jsib li is-Socjeta tghid, li kienet wissiet diversi drabi verbalment lir-rikorrenti dwar l-imgieba tieghu. Izda, quddiem it-Tribunal Industrijali ma tressqet l-ebda prova li ir-rikorrenti qatt gie imwissi la bil-miktub u lanqas verbalment ghan-nuqqassijiet tieghu. F'diversi decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali li jittrattaw kazijiet ta' dixxiplina, it-Tribunal Industrijali dejjem sahaq li minkejja twissijiet jistghu jkunu verbali pero dawn dejjem ghandhom jigu registrati bil-miktub u dan sabiex**

**iservu ta' evidenza li l-impjegat ikun gie mwissi fuq nuqqasijiet li setgha ghamel fil-qaghdi ta' dmirijietu. Invista ta' din in-nuqqas ta' prova, it-Tribunal Industrijali jqies li ir-rikorrenti qatt ma gie mwissi fuq l-imgieba tieghu mis-socjeta.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-Kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, l-modd kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti. Quddiem dan it-Tribunal Industrijali ma tressqet l-ebda dokumentazzjoni li turi, li s-socjeta gharfet lir-rikorrenti li kienet se tittermina l-impieg tieghu fuq bazi ta' dixxiplina. Dan it-Tribunal Industrijali f'diversi Decizjonijiet ohra li jittrattaw kazijiet ta' Dixxiplina kemm il-darba sahaq, li meta l-kaz ikun jittratta dixxiplina fil-konfront ta' l-impjegat, is-socjeta ghandha tgharraf l-impjegat bil-miktub dwar l-allegat nuqqas tieghu u tghatih l-opportunita bl'ghazla tal-persuna tal-fiducja tieghu li jiddefendi l-kaz tieghu b'modd xieraq.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, id-dokument li ressqet is-socjeta biex tipprova l-kaz taghha jigifieri, dak li madwar ghaxar snin ilu r-rikorrenti kien instab hati mill-Qorti ta' pussess u tehied ta' sustanza pprojbieta. Meta dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan id-dokument ta' ghaxar snin ilu jasal ghal konkluzzjoni, li dan mhux prova bizzejjed biex is-socjeta tiggustifika l-azzjoni li hadet fil-konfront tar-rikorrenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, il-koincidenza li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti saret fl'istess zmien li hu kien qed jilmenta mas-sid, li ma kienx qed jigi moghti dawk il-hlasijiet li kienu dovuti lilhu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal-konkluzzjoni li ir-rikorrenti ma giex moghti mis-socjeta l-opportunita xierqa biex jiddefendi l-kaz tieghu u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impieg hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-impieg ma jigix moghti lura, ir-rikorrenti ghandhu jithallas mis-socjeta kumpens li jammonta ghal €4,000 (erbgha t'elef euro), liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 26 ta' Mejju, 2015**